# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 7.**
**Citazz. Nru. 1783/00 JRM**

**Carmelo u Concetta konjugi ZAMMIT**

**vs**

**Mario u Christine konjugi HALLETT u George u Gemma konjugi VELLA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi silfu lill-konvenuti brevi manu s-somma ta' hamest elef lira maltin (Lm5,000) u minn liema somma l-konvenuti hallsu lura biss is-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500);

Illi l-bilanc flimkien mal-imghax relattiv kellhom jithallsu lill-atturi sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 1999;

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti pero' baqghu inadempjenti;

Illi l-atturi huma ghalhekk kredituri tal-konvenuti ghas-somma ta' hamest elef mija u hames liri u tlieta u sittin centezmu (Lm5,105.63), rappresentanti l-bilanc u l-imghax relattiv sallum;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-atturi, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-procedura Civili;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef mija u hames liri u tlieta u sittin centezmu (Lm5,105.63), dovuta lill-atturi - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax kalkolabbli millum u bl-ispejjez komprizi dawk ta' Lm10 ghall-konsult u dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 1999 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef mija u hames liri u tlieta u sittin centezmu (Lm5,105.63), dovuta lill-atturi, bl-imghax kalkolabbli millum u bl-ispejjez komprizi dawk ta' Lm10 ghall-konsult u dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 1999, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**14 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Gunju, 2001.**